**Worksheet Ċ6.2.3**
X'jiġri jekk ma nosservawx il-liġijiet?




**A: Aqra dan id-djalogu bejn Pulizija tat-traffiku u Ġanni, sewwieq ta' karozza li kellu inċident meta għadda *wrong way* bil-karozza**.

| | |
|---|---|
| **Ġanni** | (*b'qatgħa kbira fuqu*) Skużani, skużani. |
| **Pulizija** | Ħallik mill-iskużi. Weġġajt? Trid insejħu ambulanza? |
| **Ġanni** | Le, le, m'għandi xejn. Imma ħadt qatgħa kbira! |
| **Pulizija** | Nista' nkun naf x'fettillek tinżel *wrong way* minn dit-triq? Ma rajthomx it-tabelli u s-sinjali tat-traffiku? |
| **Ġanni** | Ngħid id-dritt, rajthom, imma tfixkilt. Meta ndunajt li qiegħed *wrong way* għaddast rasi u għedt, issa la qbadt it-triq, neħlisha! |
| **Pulizija** | U naturalment żidt l-*ispeed* ħa teħles malajr u tlift il-kontroll. Qed tara kemm int bravu! Għamilt il-ħsara fil-karozza tiegħek, fil-bankina, fl-arblu tad-dawl u fl-arblu tas-sinjali tat-traffiku. Dawn l-ispejjeż kollha inti trid tħallashom. |
| **Ġanni** | Naf, naf. |
| **Pulizija** | Barra minn hekk, taf x'periklu dħalt fih għalxejn? Taf li stajt weġġajt int u weġġajt ukoll lil ħaddieħor? |
| **Ġanni** | Naf, naf. Wara kulħadd għaref. Jiddispjaċini. |
| **Pulizija** | Naturalment tifhem li se nagħmel rapport u se jkollok titla' l-qorti. Dan l-inċident seħħ tort tal-irresponsabbiltà tiegħek. |
| | (*Ġanni ma qal ebda kelma oħra.*) |

**Wieġeb**.

1. Min kiser il-liġi fl-istorja li qrajt?

___________________________________________

2. Liema liġi nkisret?

___________________________________________

3. Ta' min kien it-tort tal-inċident?

______________________________________________________________________

4. Semmi żewġ żbalji li għamel Ġanni.

(a) ____________________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________________

5. X'missu għamel Ġanni meta nduna li qiegħed isuq *wrong way*?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Semmi żewġ konsegwenzi li kellu l-inċident.

(a) ____________________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________________

7. Fejn se jkollu jmur Ġanni meta tasallu ċ-ċitazzjoni tal-inċident? X'jista' jiġrilu hemmhekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. X'konsegwenzi iżjed koroh seta' kellu l-inċident?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. X'nitgħallmu minn din l-istorja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**B: Għaliex il-liġijiet? Imla l-vojt biex tifhem aħjar il-bżonn tal-liġijiet.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | a | Il-liġi: | **Hawn Malta t-traffiku jimxi fuq ix-xellug tat-triq.** |
| | b | Għaliex hija importanti din il-liġi? | ______________________ ______________________ ______________________ |
| | ċ | Min jara li din il-liġi qed tiġi obduta? | |
| | d | X'jista' jiġrilu min jikser din il-liġi? | ______________________ ______________________ |
| | e | X'jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk ma nobdux din il-liġi? | ______________________ ______________________ ______________________ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2** | a | Il-liġi: | **Ma tistax tisraq** |
| | b | Għaliex hija importanti din il-liġi? | ______________________ ______________________ ______________________ |
| | ċ | Min jara li din il-liġi qed tiġi obduta? | |
| | d | X'jista' jiġrilu jikser din il-liġi? | ______________________ ______________________ |
| | e | X'jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk ma nobdux din il-liġi? | ______________________ ______________________ |